**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 01 ta' Gunju, 2017**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 55/2015 AF**

**Claire Muscat f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' Jake Muscat u fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2015, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni fil-kunjom li jrid jaqra 'Azzopardi'**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku,**

**l-Avukat Generali**

**u**

**l-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Claire Muscat f'isimha propju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha minuri Jake Muscat li permezz tiegħu wara li ġie premess:

Illi l-esponenti zzewget lil Ramon Muscat fl-10 ta' Novembru 2002, liema zwieg eventwalment tfarrek irremedjabilment u konsegwentement l-esponenti sseparat minn mal-isemmi Ramon Muscat fl-4 ta' Marzu tas-sena 2010, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia.

Illi sussegwentement l-esponenti u zewgha applikaw konguntivament ghax-xoljiment taz-zwieg, liema xoljiment gie hekk milqugh u dikjarat mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) permezz ta' sentenza moghtija nhar it-18 ta' Lulju 2014.

Illi mas-separazzjoni taghha, u anke wara s-sentenza ta' divorzju precitata, l-esponenti ghazlet illi zzomm kunjoma mizzewga Muscat, u dan ghar-raguni primarja illi ma riedet taghti ebda' lok ghal stigma socjali u taqlib emozzjonali lill-binha minuri Jake Muscat.

Illi l-esponenti llum tinstab f'relazzjoni stabbli u ghandha l-hsieb li terga' tizzewweg.

Illi meta l-esponenti marret sabiex tapplika ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet taz-zwieg hija giet nformata mid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku li hija ma tistax zzomm kunjomha Muscat, u cioè kunjom l-ewwel zewg taghha, u konsegwentement ma kelliex ghazla ohra ghajr li tiehu kunjom ir-ragel futur taghha jew tibda' proceduri sabiex tirreverti ghal kunjoma xbubita u zzomm dak il-kunjom.

Illi fl-umili fehma tal-esponenti dan jikkostitwixxi trattament diskriminatorju fil-konfront taghha u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

a. Illi kieku l-esponenti kienet armla, hija kien ikollha l-jedd illi z-zomm kunjom id-defunt zewgha, izda l-ligi,

tramite l-Artikolu 4 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jipprovdiex ghall-istess f'kaz illi mara tkun divorzjata;

b. Illi kieku l-esponenti kellha tizzewweg ghall-ewwel darba hija kien ikollha l-ghazla sabiex izzomm kunjom xbubitha, izda dan lanqas huwa possibbli ghall-esponenti ghaliex biex hija tirriverti ghal kunjom xbubitha, jkollha tirrikori ghall-proceduri gudizzjarji u tinkori bosta spejjez. Illi aparti dan, l-esponenti konxjament ghazlet illi z-zomm kunjom l-ewwel ragel "Muscat", peress illi minn dan iz-zwieg kellhom wild kif premess;

c. Illi kieku l-esponenti ghazlet li tidhol f'unjoni civili, hekk kuntrattat skont l-Att dwar l-Unjonijiet Civili u abbazi tal-Artikolu 4 (11) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hija mhux biss kien ikollha l-jedd illi zomm kunjomha Muscat izda wkoll li zzid kunjom tas-sieheb taghha, jew li adirritura s-sieheb taghha jiehu kunjomha.

Illi wkoll, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-istess trattament mill-intimati, jew min minnhom, fil-konfront tal-esponenti jikkostitwixxi indhil illecitu fil-hajja privata tal-esponenti u tal-familja taghha, u certament mhuwiex tali li huwa necessarju f'socjeta' demokratika u ghall-interess pubbliku.

Illi fil-kumpless ta' dawn ic-cirkustanzi ghandu jirrizulta ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kontemplati fl-Artikolu 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 5 tas-Seba' Protokol tal-istess Konvenzjoni Ewropeja.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ligijiet vigenti, senjatament l-artikolu 4 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta), hu inkonsistenti mad-dritt fundamentali tar-rikorrenti taht l-

Artikolu 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 5 tas-Seba' Protokol tal-istess Konvenzjoni Ewropeja;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti taht l-istess artikolu 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 5 tas-Seba' Protokol tal-istess Konvenzjoni Ewropeja;

3. Taghti dawk ir-rimedji u direttivi opportuni sabiex id-drittijiet tal-esponenti jigu salvagwardjati fis-sens premess.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimati Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Avukat Ġenerali u Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili li in forza tagħha ġie eċċepit:

Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrenti permezz tal-azzjoni odjerna qed jattakkaw l-Artikolu 4 tal-Kodici Civili (Kap 16) peress li qed jillanjaw li l-istess Artikolu allegatament qed jiksrilhom id-drittijiet fundamentali taghhom a tenur tal-Artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikoli 8 u/jew 14 u/jew l-Artikolu 5 tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jirrilevaw li d-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili mhumiex il-legittimi kontradittturi ghall-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12.

Illi in linea preliminari ukoll u minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti Claire Muscat trid tipprova li ghandha l-*vires* li tintavola l-azzjoni odjerna *bhala kuratrici ad litem tal-minuri Jake Muscat*.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponenti intimati jopponu t-talbiet kif avvanzati fir-

Rikors Promotur u jirrespingu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonjiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *da parte* tal-intimati ai termini tal-Artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikoli 8 u 14 u/jew l-Artikolu 5 tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jirrilevaw li c-cirkostanzi odjerni ma jipprezentaw l-ebda apparenza ta’ ksur ghad-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u/jew b’xi mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti *da parte* tal-intimati; kif qed jigi allegat fir-Rikors in risposta;

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, l-esponenti jeccepixxu li fi kwalunkwe kaz, l-Artikolu 32 ma jistax jigi invokat bil-mod kif ghamlu r-rikorrenti u fil-kawza odjerna ma jistax jinsab ksur tieghu stante li dan huwa biss introduzzjoni ghal-lista tad-drittijiet fundamentali. Fil-fatt, dan jidher car mill-Kostituzzjoni nnifisha fejn il-legislatur jipprovdi permezz tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni, li persuna li thoss li gie lez xi wiehed jew aktar mid-drittijiet fundamentali taghha kif stipulati fl-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ghandha tintavola kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civil fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni ta’ lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom a bazi tal-Artikolu 32 tal-Konvenzjoni Ewropea hija insostenibbli;

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, l-esponenti jirribattu li ghad li l-legislatur ried iqarreb kemm jista’ jkun il-provvedimenti tal-Istitut tal-Unjoni Civili ma’ dawk taz-Zwieg, effettivament ma jezisti ebda obbligu fuq livell ta’ drittijiet fundamentali li l-imsemmija zewg Istituti ghandu jkollhom konsegwenzi identici f’kull cirkostanza. Ghalhekk, l-esponenti jirrilevaw li mhux minnu li c-cirkostanzi odjerni jikkostitwixxu diskriminazzjoni. Fil-fatt, jekk mara divorzjata taghzel li tikkontratta unjoni civili l-konsegwenzi fuq kunjomha jkunu diversi minn dawk li jsegwu f’kaz li taghzel li tikkontratta zwieg;

Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju, l-esponenti jirribattu wkoll li effettivament l-Istat m'ghandu l-ebda obbligu li jirregola l-konsegwenzi ta' meta persuna tormol bl-istess mod identiku bhal fil-kaz tal-konsegwenzi ta' meta persuna mizzewga tiddivorzja u dan anke tenut kont tal-fatt li d-divorzju huwa Istitut li jipprovdi ghax-xoljiment taz-zwieg peress li z-zwieg ma jkunx jista' jibqa fis-sehh minhabba problemi bejn il-koppja, mentre meta persuna tormol din hija biss konsegwenza tan-natura u mhux ta' problemi li jostakolaw iz-zwieg bejn il-koppja koncernata;

Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju, l-esponenti jissottomettu li m'hu xejn car minn fejn allegatament jirrizulta l-ksur tad-dritt fundamentali ghall-hajja privata u familjari u/jew diskriminatorja mill-fatt li r-rikorrenti Claire Mifsud jekk taghzel li tippubblika t-tniddijiet ghaz-zwieg ma' terza persuna ghandha l-ghazla *del resto* bhal kull persuna ohra f'cirkostanzi analogi, kif stipulat fl-Artikolu 4(1) tal-Kap 16 li maz-zwieg jew tiehu l-kunjom tar-ragel u anke tista zzid kunjom xbubitha jew minflok tista taghzel li tirreverti ghal kunjom xbubita; filwaqt li l-ulied taz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jziedu, kunjom xbubit ommhom u dan ai termini tal-Artikolu 4(3) tal-Kap 16;

Illi fis-sitt lok u minghajr pregudizzju, jekk din l-Onorabbli Qorti tasal biex tikkonkludi li l-Artikolu 4 tal-Kodici Civili qed b'xi mod jinterferixxi mad-drittijiet fundamentali kif protetti taht l-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jeccepixxu li fi kwalunkwe kaz din l-interferenza hija gustifikata taht l-Artikolu 8(2) tal-istess Konvenzjoni li jippermetti latitudni wiesgha lill-Istat sabiex jillegisla bil-ghan li jipprotegi l-ahjar interessi tal-Istitut tal-familja;

Illi fis-seba' lok u minghajr pregudizzju ukoll ghas-suespost, in kwantu ghall-allegazzjoni dwar il-ksur tal-Artikolu 5 tas-Seba Protoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioe id-dritt tal-ugwaljanza bejn il-konjugi fid-drittijiet u r-responsabbilitajiet rispettivi taghhom fir-relazzjonijiet taghhom ma' uliedhom, huwa car li c-cirkostanzi odjerni lanqas ma jirrapprezentaw ksur tal-imsemmi Artikolu; kif qed jigi allegat fir-Rikors Promotur;

Illi ghalhekk huwa car li m'hemm l-ebda ksur tal-Artikoli 32 u/jew 45 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikoli 8 u 14 u/jew l-Artikolu 5 tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-konfront tar-rikorrenti fil-kaz odjern;

Inoltre ghar-ragunijiet fuq esposti, *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li kien hemm xi ksur, fic-cirkostanzi odjerni fl-umli fehma tal-esponenti dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tal-4 ta' Ottubru 2016 li permezz tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati limitatament billi ddikjarat illi l-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili mhuwiex il-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti u għalhekk ġie lliberat mill-osservazzjoni tal-ġudizzju.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti ssib illi l-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili huwa inkonsistenti mad-drittijiet fundamentali tagħha kif sanċiti permezz tal-artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali kif ukoll l-artikolu 5 tas-Seba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba tagħti dawk ir-rimedji u

direttivi opportuni sabiex id-drittijiet tar-rikorrenti jiġu salvagwardjati. Ir-rikorrenti qiegħda tilmenta mill-fatt illi hija ma kellhiex il-jedd skont il-liġi li żżomm kunjom l-ewwel raġel tagħha, minnu divorzjata, meta ġiet biex tiżżewweġ għat-tieni darba.

Mill-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrenti żżewġet lil Ramon Muscat fl-10 ta' Novembru 2002 u minn dan iż-żwieġ twieled tifel, Jake Muscat, li għadu minuri. Fit-18 ta' Lulju 2014 il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat id-divorzju bejn ir-rikorrenti u Ramon Muscat b'dan illi r-rikorrenti għażlet li żżomm il-kunjom Muscat minflok tirriverti għal kunjom xbubitha. Ir-rikorrenti reġgħet iżżewġet fl-24 ta' Lulju 2015. Hija tispjega li fit-tieni żwieġ tagħha xtaqet iżżomm kunjom l-ewwel raġel (Muscat) u miegħu żżid kunjom it-tieni raġel sabiex ikollha l-istess kunjom ta' binha. Madanakollu, meta marret ir-Reġistru Pubbliku sabiex tapplika għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet, hija ġiet informata li ma setgħetx iżżomm kunjomha, u ċioè kunjom l-ewwel raġel tagħha, iżda li kellha tagħżel bejn li tirriverti għal kunjom xbubitha, tieħu dak tat-tieni raġel jew tieħu kunjom xbubitha u dak tat-tieni raġel tagħha fdaqqa. Ir-rikorrenti tispjega li għal binha huwa importanti li jkollu l-istess kunjom bħal ommu u li fil-fatt meta spjegatlu li ser ikollha tibdel kunjomha huwa kien staqsiha: '*Are we not going to be related anymore?*'

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom, l-intimati jeċċepixxu li r-rikorrenti għandha tipprova l-vires li tintavola l-azzjoni odjerna bħala kuratriċi ad litem tal-minuri Jake Muscat.

Din il-Qorti tirrileva li minkejja ma ġiex ipprovat illi l-attriċi għandha l-kura u l-kustodja ta' binha minuri, ma jirriżultax ikkontestat mill-intimati li hija teżerċita s-setgħa ta' ġenitur fuq binha minuri. Għaldaqstant, hija għandha kull dritt li tintavola din il-kawża f'ismu wkoll a tenur tal-artikolu 781(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi li l-persuna li teżerċita s-setgħa ta' ġenitur ma teħtieġx il-permess tal-Qorti sabiex tistitwixxi kawża għan-nom tal-minuri, salv xi każijiet li mhumiex meqjusa rilevanti għall-finijiet tal-kawża odjerna.

Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Fil-mertu, kif intqal, ir-rikorrenti qiegħda tilmenta li l-artikolu 4 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jikser id-drittijiet fundamentali tagħha kif sanċiti permezz tal-artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-artikolu 5 tas-Seba' Protokol tal-istess Konvenzjoni.

L-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili li minnu tilmenta r-rikorrenti, u sa fejn jolqot l-ilment tagħha, jaqra hekk:

> "*(1) Il-miżżewġin għandhom maż-żwieġ jieħdu l-kunjom tar-raġel u martu tista' żżid kunjom xbubitha jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha miegħu.*
>
> *(2) Il-mara tista', minflok, tagħżel li żżomm kunjom xbubitha jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha li warajh tista' żżid kunjom żewġha*."

Dan ifisser illi kif tikkontendi r-rikorrenti, skont il-liġi hija ma setgħetx iżżomm kunjom l-ewwel raġel tagħha meta żżewġet għat-tieni darba. Madanakollu, kien ikollha din l-għażla li kieku minflok kienet armla.

Ir-rikorrenti tilmenta wkoll mil-fatt illi anke li kieku għażlet li tidħol f'unjoni ċivili kien ikollha l-għażla li żżomm kunjom l-ewwel raġel tagħha. Dan għaliex l-imsemmi artikolu 4 ikompli fis-sub inċiż 11 billi jiddisponi hekk:

> "*L-imsieħba f'unjoni ċivili kuntrattata skont l-Att dwar l-Unjonijiet Civili jistgħu, meta japplikaw għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet relatati mal-unjoni ċivili, jagħżlu li:*
>
> *(a) jieħdu, għat-tnejn li huma, kunjom ta' xi wieħed mill-imsieħba tal-unjoni ċivili jew il-kunjomijiet taż-żewġ imsieħba fl-ordni li jagħżlu għat-tnejn li huma; jew*
>
> *(b) jżommu kunjomhom."*

Mela allura din il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni fejn il-leġislatur ipprovda għall-esiġenzi tal-ugwaljanza bejn irġiel u nisa billi ta opportunita` lill-mara li tkun ser tiżżewweġ jew li

tkun iżżewġet id-dritt li tipprezerva l-identita tagħha billi żżomm kunjom xbubitha, ingħatat id-dritt ukoll illi f'każ li tormol u terġa tiżżewweġ, iżżomm kunjom l-ewwel raġel tagħha, iżda din il-liġi ma ġietx aġġornata sabiex tkopri wkoll każijiet fejn mara divorzjata li tkun trid terġa tiżżewweġ iżżomm kunjom l-ewwel raġel tagħha.

Ir-rikorrenti tinvoka l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni. Madanakollu, l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni li jirreferi għat-twettiq ta' disposizzjonijiiet protettivi jitkellem dwar id-dritt ta' kull persona li titlob lil din il-Qorti għal rimedju minħabba ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Madankollu, l-artikolu 32 ma hux indikat taħt l-imsemmi artikolu 46(1) u għalhekk id-drittijitiet hemm imsemmija ma jaqgħux fl-ambitu tal-protezzjoni mogħtija fl-artikolu 46. Proprju kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Rosalie Darmanin vs Il-Prim Ministru et tal-20 ta' Ottubru 2015:

> *"Illi jibda biex jingħad li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jippreskrivix minnu nnifsu xi jedd li l-ksur tiegħu jikkostitwixxi ksur ta' jedd fundamentali. Dak l-artikolu huwa ġabra b'dikjarazzjoni ta' liema huma d-drittijiet fundamentali tal-bniedem sostantivi li l-istess Kostituzzjoni tħares fl-artikoli l-oħrajn ta' dak il-Kapitolu. Kemm hu hekk, l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jirreferi espressament għall-artikoli li jiġu wara l-artikolu 32 u lil dak l-artikolu ma jsemmihx. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mal-intimati meta jgħidu li l-azzjoni tar-rikorrenti ma tiswiex safejn mibnija fuq l-imsemmi artikolu."*

Għaldaqstant, it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu kkunsidrati taħt dan l-artikolu.

Ir-rikorrenti tikkontendi wkoll li l-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili jammonta għal ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea li jaqra hekk:

> *"1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f 'soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor."*

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li l-kliem '*rispett tal-ħajja privata*' jinkludu d-dritt ta' persuna li jkollha kunjomha rispettat. Fil-każ ta' Burghartz v Switzerland, deċiża fit-22 ta' Frar 1994, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

"*Unlike some other international instruments, such as the International Covenant on Civil and Political Rights (Article 24 para. 2), the Convention on the Rights of the Child of 20 November 1989 (Articles 7 and 8) or the American Convention on Human Rights (Article 18), Article 8 (art. 8) of the Convention does not contain any explicit provisions on names. As a means of personal identification and of linking to a family, a person's name none the less concerns his or her private and family life. The fact that society and the State have an interest in regulating the use of names does not exclude this, since these public-law aspects are compatible with private life conceived of as including, to a certain degree, the right to establish and develop relationships with other human beings, in professional or business contexts as in others (see, mutatis mutandis, the Niemietz v. Germany judgment of 16 December 1992, Series A no. 251-B, p. 33, para. 29).*"

Din il-Qorti diversament presjeduta waslet għall-istess konklużjoni fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Odette Federoff vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru et tas-17 ta' Frar 2000 fejn ingħad hekk:

"*Rispett ghall-hajja privata tirrifletti fuq kwantita' ta' aspetti izda fil-fehma ta' din il-Qorti hemm fosthom id-dritt ta' persuna li jkollha kunjomha rispettat u mhux biss dak li titwieled bih izda anke dak akkwizit permezz tal-atti l-ohra*

*bhall-adozzjoni u zwieg. Meta persuna ssir maghrufa bil-kunjom gdid dan jifforma parti mill-hajja privata tal-individwu b'mod li jifforma parti mill-personalita' tal-istess persuna. Dan jassumi noti aktar qawwija jekk il-kunjom jkun ftit differenti u jekk il-persuna koncernata ma tkunx taghmel xoghol solitament maghmul minn kwantita' ta' persuni ohra. Il-kunjom jifforma parti mill-hajja privata u jaghmel ness qawwi u ta' importanza fundamentali bejn il-genituri u l-ulied b'mod li fost dawk li jixtiquh hu essenzjali li jintwera kontinwament li t-tali tifla hi bint it-tali persuna. Dan certament fil-fehma ta' din il-Qorti jikkostitwixxi parti mill-hajja privata ta' kull persuna u tal-familja taghha."*

Ir-rikorrenti fil-każ appena ċitat kienet armla li xtaqet terġa tiżżewweġ. L-artikolu 4 tal-Kap. 16 kif kien jaqra dak iż-żmien ma kienx jippermetti li armla żżomm kunjom l-ewwel raġel tagħha. Il-Qorti kompliet billi qalet hekk:

*"Jigi osservat li l-emendi tal-1993 propju enfasizzaw dan id-dritt ta' persuna li tkun maghrufa b'kunjom u li tixtieq tibqa' konnessa ma' dak il-kunjom bhala parti mill-hajja privata taghha u ta' familtha li tkun tista' taghmel dan. Infatti gie moghti d-dritt lill-mara li zzid kunjom xbubita ma' ta' zewgha, jew li zzomm kunjom xbubitha li warajh tista' zzomm kunjom zewgha. Il-legislatur dan ma ghamlux frivolozament izda ghax hass li mara li tizzewweg ghandha dritt li fil-hajja privata taghha jkollha d-dritt li zzomm in-ness mal-hajja antecedenti taghha u ma' familtha. Dan jassumi aktar serjeta' meta armla li trid terga tizzewweg tkun trid turi lill-bqija tad-dinja li bintha hija taghha u dan huwa necessarju kontinwament jekk persuna trid turi dan in-ness fl-iskola ma' tfal ohra u ghalliema [u parents' day], fi sports u l-hajja socjali, f'negozju jew professjoni, fis-safar kif issemma mix-xhieda f'dan il-kawza. Armla ghandha d-dritt li fil-hajja privata taghha ma tigix sbussolata l-identita' personali u socjali li kisbet matul iz-zmien.*

*Huwa mpossibli li l-legislatur jara antecedentement kull kaz possibli u hu ovvju li meta l-legislatur ried jirrispetta l-hajja privata tan-nisa li ser jizzewgu ma ippostulax il-kaz ta'*

*armla u b'hekk irrizultat lakuna fil-ligi billi ma sarx provvediment ghar-romol li jergghu jizzewgu fejn l-ghazla dwar il-kunjom tigi mhollija f'idejn il-persuna li tkun sejra terga tizzewweg bl-istess mod li f'kaz ta' l-ewwel zwieg din l-ghazla thalliet mill-legislatur f'idejn l-gharusa."*

Fil-fehma tal-Qorti, dak li ġara fil-każ tal-lum huwa proprju li l-leġislatur, meta ħaseb sabiex jilleġisla bl-għan li jintroduċi l-istitut tad-divorzju fis-sistema legali tagħna, ma ħasibx għas-sitwazzjoni fejn mara divorzjata li ser terġa tiżżewweġ, għal raġunijiet diversi, fosthom dawk li ssemmi l-Qorti fil-kawża ta' Odette Federoff appena ċitita, tkun tixtieq li żżomm il-kunjom tal-ewwel raġel tagħha. Bħal ma armla għandha dritt li fil-ħajja privata tagħha ma tiġix mċaħda mill-identita personali u soċjali li tkun kisbet matul iż-żmien, hekk ukoll mara divorzjata li tkun tixtieq terġa tiżżewweġ għandha dan id-dritt.

Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti u fid-deċiżjoni tagħha datata 2 ta' Novembru 2001 kompliet billi qalet hekk:

"...*iz-zamma tal-kunjom li l-applikanti kienet attwalment tgawdi u kien ser jigi preservat, ma kien ser ikun hemm l-ebda tibdil u konsegwentement biz-zamma tieghu kienu sejrin jigu salvagwardjati l-identifikazzjonijiet personali ta' l-appellata u r-rabta li kellha mal-familja li kellha qabel l-ewwel zwieg taghha. Rabta li din il-Qorti tqisha li hija ta' rilevanza fil-hajja ta' l-appellata, f'certi kazi ta' rilevanza kbira. Bizzejjed jinghad illi kien essenzjali ghall-appellata illi zzomm ir-rabta familjari anke permezz tal-kunjom bejnha u bejn uliedha mill-ewwel zwieg. L-appellata setghet ukoll akkwistat notorjeta' bil-kunjom akkwizit meta zzewget l-ewwel ragel taghha li jkollu wkoll valur ekonomiku u mhux sempliciment sentimentali – anke jekk dan ukoll kellu l-importanza tieghu. Dan apparti li l-appellata kellha kull interess illi tippreserva l-legam tal-kunjom akkwistat u minnha uzat ghal hafna snin ghaliex dan kien jidentifikaha ma' l-atti kollha tal-hajja civili u ma' l-gharfien taghha fis-socjeta' fid-diversi attivitajiet taghha. Fil-verita' l-istess ragunijiet li nducew u nponew fuq il-legislatur illi jaghti d-dritt lix-xebba u lill-ulied illi* <u>*jekk iridu*</u> *jippreservaw il-legam*

*li kellhom mal-kunjomijiet familjari, kienu japplikaw mutatis mutandis ghall-kaz ta' l-armla li tkun tixtieq terga' tizzewweg."*

Minn kliem it-tieni sub inċiż tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, huwa ċar in kwantu li l-ilment tar-rikorrenti jaqa' fl-isfera ta' rispett għall-ħajja privata tagħha, kien jispetta lill-Istat li jiġġustifika din l-interferenza, xi ħaġa li l-intimati naqsu milli jagħmlu f'din il-kawża.

Huwa veru li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tgħallem li l-istat għandu dritt li jimponi '*legal restrictions*' fuq bdil ta' kunjomijiet, iżda ma dan żiedet ukoll illi '*such a possibility could be justified in the public interest*' (Stjerna v Finland, deċiża fil-25 ta' Novembru 1994).

Fil-ktieb tagħhom The European Convention on Human Rights (tielet edizzjoni) l-awturi Jacobs and White jgħidu hekk:

*"Once an interference has been found to be 'in accordance with the law' under Article 8(2), the Court moves on to examine whether the interference has a legitimate aim. It is for the state to identify the objective for which it is interfering with an applicant's Article 8(1) right. (...) It is for the state to indicate the objective of its interference and to demonstrate the 'pressing social need' for limiting the enjoyment of the applicant's right."*[1]

Fl-imsemmi każ ta' Stjerna v Finland, il-Qorti Ewropea qalet ukoll hekk:

*"The boundaries between the State's positive and negative obligations under Article 8 (art. 8) do not lend themselves to precise definition. The applicable principles are nonetheless similar. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole (see, for instance, the Keegan v. Ireland*

[1] Paġna 407

*judgment of 26 May 1994, Series A no. 290, p. 19, para. 49).*

*Despite the increased use of personal identity numbers in Finland and in other Contracting States, names retain a crucial role in the identification of people. Whilst therefore recognising that there may exist genuine reasons prompting an individual to wish to change his or her name, the Court accepts that legal restrictions on such a possibility may be justified in the public interest; for example in order to ensure accurate population registration or to safeguard the means of personal identification and of linking the bearers of a given name to a family."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ta' Odette Federoff ċitata fil-fatt kompliet billi qalet hekk:

*"Dan naturalment waqt li jigi dejjem rikonoxxut u applikat il-principju tal- "fair balance that has to be struck between the general interest of the community and the interest of the individual the search for which balance is inherent in the whole Convention" ("Cossey vs U.K.", A. 184 para 37, 1990). "Fair balance" illi fl-ebda hin fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti ma gie suggerit mill-appellanti illi kien ser jigi b'xi mod disturbat jekk kellha tigi milqugha t-talba ta' l-appellata. Kif indikat hi l-fehma tal-Qorti illi ghall-kuntrarju dak il-"fair balance" jigi preservat proprju ghaliex jassigura kontinwita' fl-identita' u fl-identifikazzjoni.*

*Il-Qorti allura ssib illi l-appellanti ma avanzaw l-ebda "reasonable and objective grounds" li fuqhom qeghdin jibbazaw l-oggezzjoni taghhom ghat-talba ta' l-appellata. Il-Qorti allura ma tarax kif tista' ma ssibx applikazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja gustifikata ghall-fatti taht ezami. Il-Konvenzjoni tiddikjara illi "everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence". Certament u bla dubbju l-"family life" ta' individwu ma tinkorporax biss dak l-assjem ta' fatturi u cirkostanzi li jikkostitwixxu l-familja attwali ta' l-individwu imma wkoll tinkludi dawk ic-cirkostanzi familjari kollha li minnhom individwu jkun ghadda u li permezz taghhom*

*ikun ikkreja relazzjonijiet u legami emozzjonali, materjali u socjali u xorta'ohra fil-qafas ta' familja. Din "l-istorja" ta' l-individwu - "everyone" u cioe' kulhadd u mhux biss l-Istat - kien obbligat li jirrispetta."*

L-intimati jeċċepixxu li l-interferenza hija ġustifikata taħt l-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni li jippermetti latitudni wiesgħa lill-Istat sabiex jilleġisla bil-għan li jipproteġi l-aħjar interess tal-istitut tal-familja. Madanakollu, ma jispjegawx kif l-interferenza in kwistjoni hija ġustifikata fl-aħjar interess tal-familja, liema interferenza qiegħda fuq kollox iċċaħħad lir-rikorrenti milli żżomm l-istess kunjom ta' binha. F'dan il-każ, il-Qorti tqis illi ma jeżisti l-ebda element ta' interess pubbliku li jiġġustifika liġi li tgħid li mara divorzjata ma tistax żżomm il-kunjom tal-ewwel raġel tagħha. L-uniku ġustifikazzjoni dgħajfa li donnhom jippruvaw jistrieħu fuqha l-intimati hija li l-istitut tad-divorzju huwa istitut li jipprovdi għax-xoljiment taż-żwieġ għaliex il-kopja tkun għażlet dik it-triq, filwaqt illi meta mara tormol din hija konsegwenza tan-natura. Madanakollu, din l-ispejgazzjoni tad-differenza ovvja bejn iż-żewġ ċirkostanzi m'hijiex meqjusa gustifikanti ghall-interferenza fid-drittijiet tar-rikorrenti.

Għaldaqstant, il-Qorti ssib illi f'dan il-każ ir-rikorrenti qiegħda ssofri minn ksur tad-drittijiet tagħha kif sanċiti mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ir-rikorrenti tikkontendi wkoll illi hija tinsab soġġetta għal trattament diskriminatorju u għaldaqstant, tinvoka wkoll l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 5 tas-Seba Protokol tal-istess Konvenzjoni.

L-artikolu 45(3) tal-Konvenzjoni jispjega li għall-finijiet ta' dak l-artikolu, il-kelma 'diskriminatorju' tfisser:

*"għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal*

*inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn*."

Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dr Emmanuel Borda vs Professur Juanito Camilleri noe tas-17 ta' Novembru 2015:

"*Huwa minnu li l-jedd imħares taħt l-artikolu 45 huwa t-trattament diskriminatorju nnifsu permezz ta' liġi jew permezz ta' xi trattament li wieħed jingħata minn xi ħaddieħor li jkun qiegħed jaġixxi bis-saħħa ta' xi liġi jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika. Imma, kif sewwa jgħid l-istess Rettur intimat, id-diskriminazzjoni trid tkun taqa' taħt xi waħda mill-irjus imsemmija (b'mod eżawrjenti) fis-sub-artikolu (3) tal-istess artikolu.*"

Fil-fehma tal-Qorti, it-trattament differenti li minnu tilmenta r-rikorrenti ma jistax jiġi kkunsidrat bħala att diskriminatorju abbażi tas-sess jew abbażi ta' xi wieħed mill-kategoriji msemmija fl-artikolu 45(3) u allura ma jaqax taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Madanakollu l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea m'huwiex limitat b'lista eżawrjenti ta' kategoriji u fil-fatt jaqra hekk:

"*It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f' din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status ieħor.*"

Fil-kawża fl-ismijiet Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta Limited et deċiża mit-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji fit-22 ta' Novembru 2001 intqal:

"*Hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan*

*intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti."*

Fil-każ ta' Gaygusuz v Austria deċiż mill-Qorti Ewropea fis-16 ta' Settembru 1996 ingħad:

*"36. According to the Court's established case-law, Article 14 of the Convention (art. 14) complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 (art. 14) does not presuppose a breach of those provisions - and to this extent it is autonomous - there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of them (see, among other authorities, the Karlheinz Schmidt v. Germany judgment of 18 July 1994, Series A no. 291-B, p. 32, para. 22)…*

*42. According to the Court's case-law, a difference of treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 (art. 14), if it "has no objective and reasonable justification", that is if it does not pursue a "legitimate aim" or if there is not a "reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised.'"*

Fil-każ Wessels-Bergerveot v The Netherlands deċiż mill-Qorti Ewropea fl-4 ta' Settembru 2002 insibu li:

*"The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification (see Thlimmenos, cited above, § 44)."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Ivan Vella vs Avukat Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2011 qalet:

> *"Illi meta l-Qorti tistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak."*

Fis-sottomissjonijiet finali tagħha, l-abbli difensur tar-rikorrenti tagħmel riferenza għall-kawżi ta' Unal Tekeli v Turkey deċiża fis-16 ta' Novembru 2004 u Leventoglu Abdulkadiroglu v Turkey deċiża fit-28 ta' Mejju 2013 li kienu jirrigwardaw id-dritt tal-applikanti li jżommu kunjom xbubithom waħdu wara li jiżżewġu. Il-Qorti Ewropea sabet illi kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tal-applikanti kif sanċiti mill-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea meħudin flimkien minħabba diskriminazzjoni abbażi tas-sess in kwantu li r-raġel Tork seta' jżomm kunjomu maż-żwieġ iżda mara ma setgħetx. Dawn il-każijiet kienu allura dwar diskriminazzjoni bejn nisa u rġiel u għalhekk salv għal prinċipji ġenerali hemm enunċjati, ftit għandhom rilevanza għal każ *de quo* li ma jirrigwardawx diskriminazzjoni abbażi tas-sess.

Madanakollu, il-Qorti issib illi fil-każ tal-lum it-trattament differenti li l-liġi timponi fuq ir-rikorrenti sempliċiment għaliex hija mara divorzjata u mhux armla jew xebba u li konsegwenza t'hekk ma tistax iżżomm il-kunjom li kellha qabel (it-tieni) żwieġ tagħha, u ċioè tal-ewwel raġel tagħha, jammonta għal

trattament diskriminatorju fil-konfront tagħha bi ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ir-rikorrenti tallega wkoll ksur tal-artikolu 5 tas-Seba Protokoll tal-Konvenzjoni li jaqra hekk:

> "*Il-konjuġi għandhom igawdu ugwaljanza fid-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' xorta tad-dritt privat bejniethom, u fir-relazzjonijiet tagħhom ma' uliedhom, qabel iż-żwieġ, matul iż-żwieġ u fil-każ tax-xoljiment tiegħu. Dan l-artikolu ma jżommx lill-Istati milli jieħdu dawk il-miżuri li huma meħtieġa fl-interess tal-ulied.*"

Fil-fehma tal-Qorti dan l-artikolu m'huwiex applikabbli għall-każ tal-lum għaliex il-liġi in kwistjoni ma timpinġix fuq l-ugwaljanza fid-drittijiet u responsabbilitajiet tal-konjuġi fid-dritt privat bejnithom.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament billi tiddikjara u tiddeċiedi li l-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha taħt l-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi limitatament billi tiddikjara u tiddeċiedi li ġew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti permezz tal-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. Bħala rimedju għall-każ odjern, tiddikjara li wara t-tieni żwieġ tagħha, ir-rikorrenti għandha dritt li tagħżel li tkompli ġġib il-kunjom tal-ewwel raġel tagħha, minnu divorzjata, ma liema kunjom hija tista' żżid dak tat-tieni raġel tagħha, u li dan il-fatt għandu jkun rifless fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha. Għaldaqstant, tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħraf jirregola ruħu ma dak deċiż.

Ir-Reġistratur għandu jibgħat kopja ta’ din is-sentenza lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati ai termini tal-artikolu 242 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Spejjeż tal-kawża a karigu tal-Avukat Ġenerali.

IMHALLEF

DEP/REG